V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8900 — Wieland/Aurubis rolled products/Schwermetall)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 216/05)

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Wieland Werke AG ("Wieland", il-Ġermanja),

— In-negozju ta' Aurubis Flat Rolled Products ("ARP", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Aurubis AG (il-Ġermanja),

— Schwermetall Halbzeugwerk GmbH & Co. KG ("Schwermetall", il-Ġermanja), joint venture (JV) bin-nofs bejn Wieland u Aurubis AG.

Wieland takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' ARP kollha hi u ta' Schwermetall kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Wieland: il-manifattura u l-provvista ta' prodotti nofshom lesti magħmulin minn ram u ligi tar-ram;

— ARP: il-manifattura u l-provvista ta' prodotti tar-ram u ta' liegi tar-ram nofshom lesti;

— Schwermetall: produzzjoni ta' pre-rolled strixxi tar-ram u ta' liegi tar-ram.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8900 — Wieland/Aurubis rolled products/Schwermetall

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË